

# Statwa tal-Madonna tal-Karmnu fl-Imdina



Mario Fenech

Kull min jidħol fil-Belt Kapitali l-Qadima l-Imdina, kif jasal f'tarf il-pjazza ta' quddiem il-Katidral jilmaħ quddiemu fuq in-naħa tax-xellug tiegħu f'kantuniera statwa kbira tal-ġebel tal-Madonna fil-kantuniera biswit il-Knisja tal-Lunzjata.

Din l-istatwa tiġbed l-għajn mhux biss għal kobor tagħha, iżda wkoll għaliex qiegħda fuq kolonna tal-ġebel iddekorata bi skultura kif ukoll għaliex fuqha hemm kanapew jew ċelu kif isejħu xi wħud, sabiħ tal-injam li jagħti dehra ta' ġabra lil din l-istatwa.



Nafu li l-Iskultur ta' din l-istatwa huwa Sigismundo Dimech minn Ħal Lija magħruf sew għal diversi xogħlijiet li għamel.

Ħadimha fis-sena 1817. Kienu ħarġu l-flus għaliha Patri Wig Debono Karmelitan erbatax-il uqija (kien ħalla somma flus għal dan il-għan), il-Komunità tal-Patrijiet li kien hemm fil-Kunvent tal-Imdina ħarġu bejniethom is-somma ta' tmienja u tmenin uqija, filwaqt li kumplament tas-somma ħariġhom il-Kunvent, din kienet is-somma ta' żewġ tari u ħames grammi.

L-ispiża kollha tal-Istatwa l-Pedistall, id-dekorazzjoni flimkien mal-fanal, kienet dik ta' mija u erbgħin uqija, żewġ tari u ħames grammi.

Eżatt sbatax-il sena wara li kienet saret l-Istatwa fis-sena 1834, l-Imgħallem Ġwann Marija Vassallo ħadem fl-injam iċ-ċelu. Dan ix-xogħol kien lest għal Festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' dik is-sena.

Fis-sena 1891 tnaqqxet fil-pedistal li hemm taħt l-Istatwa l-kitba "Signum Salutis, Salus in Periculis, Foedus Pacis".

Il-Kuruni li hemm fuq ras il-Madonna u l-Bambin mhumiex dawk li kellha l-istatwa meta saret. Dawn inħadmu mill-ġdid mill-Iskultur Karmenu Azzopardi mir-Rabat fis-sena 1980 meta sar xogħol ta' restawr kbir fuq l-Istatwa u ċ-ċelu ta' fuqha. Dan ix-xogħol tar-restawr taċ-ċlu kien sar minn Mastru Antonio Farrugia.

L-Istatwa hija mżejjna wkoll b'għoti tal-Induldenzi lil dawk li jieqfu jitolbu quddiema. Hekk tixher l-irħama bil-kitba li hemm mal-pedestall. Wieħed jara din il-kitba taħt id-dekorazzjoni li hemm fil-pedestall magħmula minn Arma Karmelitana li magħha hemm is-Simboli tal-Palma u l-Ġilju.

Statwa sabiħa li għalkemm għaddew tant snin minn fuqha, illum għadha fi stat tajjeb u taqdi l-għan li għalih kienet saret, dak li tressaq lin-nies li jżuru l-Imdina biex jitolbu lil Madonna tal-Karmnu kif ukoll jidħlu jżuru s-Santwarju mogħni b'tant opri sbieħ li saru matul is-snin bil-ħidma tal-Patrijiet tal-Ordni Karmelitan. Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

WATANABE & Co.
the insurance people
Tied Insurance Intermediary for Montaldo Insurance Agency Ltd.
Għal kull tip ta' assikurazjoni
224, Hompesch Road, Fgura FGR 2017 Tel: +356 21826 770
Email: info@watanabe.com.mt